MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 28/2009

Vodafone Malta Limited (C-10865)

vs

N.M. Superstores Limited (C-35456)

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-10 ta' Settembru 2009, li jghid hekk :

"Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin Ewro u hamsa u erbghin centezmi (€668.45) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 99440000.

Is-socjeta' konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u

Bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien sar dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta illi minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni."

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fis-7 ta' Ottubru 2009, baqghet ma dahhlet ebda risposta u lanqas ma deheret quddiem it-Tribunal biex tikkontesta t-talba attrici.

Sama' l-provi.

Fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2009, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta, u fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2009, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tas-socjeta' konvenuta jew rapprezentant taghha wara li giet debitament imsejha diversi drabi skond il-ligi, u baqghet ma deheritx, il-kapitoli gew approvati u mehuda li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra fid-dawl tal-provi mressqa, bl-ebda mod ma gew ikkontestati, li s-socjeta' konvenuta effettivament ghamlet uzu mis-servizzi tat-telefonija cellulari offruti mis-socjeta' attrici ghall-perjodu li jidher fl-statement esibit, u li baqghet ma hallsitx il-kontijiet li kien ghad fadal pendenti wara li s-servizz kien gie sospiz.

Ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin Ewro u hamsa u erbghin centezmi (€668.45), ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tal-*mobile phone* bin-numru

99440000, bl-imghax legali b'effett mill-1 ta' Ottubru 2008, meta effettivament gew sospizi l-pagamenti lis-socjeta' attrici sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 205/09.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------